# MISSJONI DJOĊESANA



*"L-imħabba ta' Kristu ssuqna"* *(2 Kor 5,14)*

Matul is-Sena Pastorali ġdida li qed nibdew, id-Djoċesi tagħna ħasbet biex tiċċelebra Missjoni Djoċesana, li madwarha se tinbeda l-ħidma pastorali djoċesana. Permezz ta' din il-Missjoni, il-Knisja f'Għawdex tixtieq tiċċelebra b'mod ġdid u qawwi l-ġrajja ta' l-ewwel aħbar tal-Evanġelju li wasslilna San Pawl; tixtieq tgħin lill-Insara jagħrfu aktar u aħjar is-sbuħija tal-ħajja tad-dixxipli ta' ġesù; tixtieq tħeġġeġ lill-Insara biex jerġgħu jagħżlu b'konsapevolezza u rieda li jħobbu lil Ġesù, jieħdu sehem aktar attiv fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija speċjalment dik tal-Ħadd , u jkomplu bil-mixja formattiva tagħhom.

Il-qofol tal-Missjoni Djoċesana se jkun fix-xahar ta' Jannar, meta grupp ta' lajċi, wara żmien ta' formazzjoni, jintbagħtu fid-djar kollha ta' Għawdex biex jagħtu xhieda tal-fidi tagħhom u tal-Evanġelju fost il-familji.

Il-Missjoni Djoċesana se tkun maqsuma f'erba' mumenti:
mill-1 ta' Ottubru sal-5 ta' Diċembru **Żmien ta' Smigħ u Formazzjoni**;
mill-4 sal-25 ta' Jannar **Żmien ta' Missjoni u Tħabbira**;
mill-25 ta' Frar sal-5 ta' April **Żmien ta' Konverżjoni u Ċelebrazzjoni**;
mit-12 ta' April 'il quddiem **Żmien ta' Ringrazzjament u Proposti**.

"F'dawn il-ġimgħat il-Knisja f'Għawdex qed titħejja biex tinawgura l-Missjoni Djoċesana. Inħossni mqanqal biex lilkom nibgħatkom bħalma Kristu bagħat lil Marija ta' Magdala: Morru għidu lill-aħwa li 'Missierna' dejjem jistenniena." *(Mons Isqof Mario Grech, Manifestazzjoni Marjana, Marsalforn 22 ta' Lulju 2008)*

*Dun Giovanni Curmi*

## *Jistgħu jinteressawk*

Il-Ħadd 8 ta' Settembru: Festa tat-Twelid tal-Madonna Festa Parroċċa Xagħra

*gozopress • 21551534*

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej agħtini d-dawl tiegħek biex nara t-travu li hemm f'għajnejja biex inkun prudenti u mimli mħabba quddiem l-iżbalji ta' ħuti.




# Bullettin tal-Ħadd

Sena Pawlina
2008 - 2009

It-23-il Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2058) • 7 ta' Settembru 2008

"Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub, mur sibu waħdu u widdbu. Jekk jisma' minnek, tkun irbaħt lura lil ħuk. Jekk ma jismax, erġa' mur u ħu miegħek wieħed jew tnejn oħra, biex kull ma jingħad jissaħħaħ bil-kelma ta' żewġ xhieda jew tlieta. Jekk imbagħad anqas minnhom ma jkun irid jisma', mur għid lill-knisja. U jekk anqas mill-knisja ma jkun irid jisma' żommu b'wieħed pagan u pubblikan. Tassew ngħidilkom, li kull ma torbtu fuq l-art ikun marbut fis-sema, u kull ma tħollu fuq l-art ikun maħlul fis-sema. Ngħidilkom ukoll li jekk tnejn minnkom fuq l-art jgħollu leħinhom flimkien biex jitolbu xi ħaġa, Missieri li hu fis-smewwiet, jagħtihielhom. Għax fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi hemm inkun jien f'nofshom.



**RIFLESSJONI**

Kif tħares lejn l-iżball ta' ħuk ?
Tħobb issemmi l-iżbalji ta' ħaddieħor ?
Qatt ħsibt li jkun aktar ta' ġid li tmur twiddbu fi spirtu ta' aħwa ?
Tagħraf il-valur tat-talb flimkien ma' l-oħrajn ?
L-imġieba tiegħek waqt it-talb flimkien tkun b'mod li tgħin biex tinħass il-preżenza ta' Ġesu ?